MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 528/2012

**A B**

**Vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-esponenti zzewgu lil xulxin fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' April tas-sena elf disa` mija tlieta u tmenin (1983).

Illi l-esponenti isseparaw legalment minn xulxin permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) datata l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) bin-numru 595/2003RCP.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li jisimhom Charlot ta’ tmienja u ghoxrin (28) sena, Antoinette ta’ hamsa u ghoxrin (25) sena u Ronald ta ‘ ghoxrin (20) sena ;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ghaddew iktar minn erba` (4) snin mid-data tas-separazzjoni *de jure* tal-partijiet ;

Illi dwar il-manteniment ma hemm xejn dovut stante li t-tfal illum huma kollha maggorenni ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Talbet in vista tas-suespost li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir- Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata minnu bil-gurament tieghu, illi in forza taghha ippremetta :

1. Illi l-intimat qieghed jaghti ruhu b’notifikat bir-rikors numru 528/12 AL;
2. Illi huwa minnu illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba’ snin u li huma sseparaw permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) tal-ewwel (1) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) bin-numru 595/2003 RCP;
3. Illi huwa minnu wkoll illi ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
4. Illi huma m’ghandhomx tfal minuri bid-dritt li jircievu l-manteniment;

5. **Illi r-rikorrenti ma semmiet xejn illi wara l-imsemmija sentenza hija ddekadiet milli tircievi manteniment minghand l-intimat u ma semmiet xejn li fil-prezent il-partijiet jinsabu ghadejjin minn proceduri ta' medjazzjoni dwar din l-pendenza numru 1279/2012 CD fl-ismijiet C B vs A sive Lilian B – in sostenn ta' dan l-fatt li r-Rikorrenti ddekadiet l-intimat qieghed jannetti ma din ir-risposta s-segwenti dokumenti :**

**i. Kopja tad-Digriet tal-ittra 1279/2012 CD (Dok CC1);**

ii. **Affidavit ta' Antoinette B (Dok. CC2);**

iii. **Affidavit ta' Ronald B (Dok CC3);**

**L-intimat qieghed jirrizerva d-dritt li jipproduci provi u dokumentazzjoni ohra skont kif tippermettilu din il-Qorti;**

6. Illi salv ghal dak li ntqal fil-paragrafu precedenti, huwa wkoll minnu illi jezistu l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai termini ta' l-artikolu 66B tal-Kodici Civili;

7. Illi, **salv li r-Rikorrenti tiddikjara illi hija ddekadiet mid-drittli tircievi manteniment,** huwa ma joggezzjonax ghat-talba kif dedotta, minghajr pero' ma ghandu jbati l-ispejjez;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat in-nota tar-rikorrenti tad-29 ta' Novembru 2012 li permezz taghha ir-rikorrenti tablet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha, ossia D'Anastasi;

Semghet lir-rikorrenti tixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta’ Dicembru, 2006;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut stante li t-tfal huma maggorenni u illi gie ippruvat ukoll illi wara illi inghatat is-sentenza imsemmija ir-rikorrenti kienet iddekadiet mid-dritt taghha illi tircievi manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha D’Anastasi, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------